**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-27 ta' April, 2018**

**Talba numru: 168/2015 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 33**

**U Film Limited (C58824)**
**Office 2, Spinola Residence**
**Triq Spinola,**
**San Giljan**
**Vs**
**Pilatus Bank Limited (C62995)**
**Whitehall Mansions, Level 2,**
**Ta' Xbiex Wharf,**
**Ta' Xbiex XBX 1026**

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba prezentat mis-socjeta' attrici li permezz tieghu talbet minghand l-bank konvenut ir-rifuzjoni tas-somma ta' tlett elef erba' mija u hamsa u ghoxrin ewro u sittax-il centezmu (€3,425.16c) rapprezentanti bank charges u fees li gew zbankati minn kont appartenenti lissocjeta' attici li kien infitah f'isimha mal-Bank konvenut numru 100150CACOEURO18 u li kien inghalaq b'decizjoni unilaterali tal-istess Bank konvenut minghajr pre-avviz ragjonevoli.

Ra r-risposta tal-Bank konvenut li permezz taghha a fol 10 eccepixa li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante li c-charges u fees li ghandhom taghmel referenza s-socjeta' attrici:
(i) huma dovuti skont it-tariffa tal-bank intimat, li tapplika fir-rigward tas-socjeta' attrici skond it-Terms and Conditions tal-bank intimat, liema Terms and Conditions, bi qbil bejn il-partijiet jiffurmaw parti integrali tal-ftehim bejniethom; u

(ii) huma applikabbli fir-rigward tas-socjeta' attrici; barra minn hekk ma kien hemm l-ebda derogazzjoni mill-imsemmija Terms and Conditions.

Ra x-xhieda ta' Anastasia Budyko, Direttur tas-socjeta' attrici, li a fol 15 et (u riprodott a fol 70 et) xehdet li fis-sena 2014 hija giet introdotta ma' Hamid Resa Gambari li qalilha li huwa c-CEO tal-bank konvenut. L-informazzjoni li hija setghet totjeni rigward dan il-bank u s-servizzi li jipprovdi kienu biss bl-email ghax it-Terms and Conditions ma kienux pubblici. Is-servizzi li talbet kienu li s-socjeta' attici tiddepozita flus f'dan il-bank u l-pagament isiru minn dawn il-kontijiet. Huma fethu kontijiet f'dan il-bank u meta eventwalment huma ghamlu queries rigward is-servizzi li l-bank kien qed joffri huma cioe' s-socjeta' attrici hasset li c-charges kienu gholjin wisq. Hija ilmentat dwar dan mal-bank u anke saru xi laqghat u meta talbet biex tiltaqa ma' Hamid Reza Ghanbari qalulha li ma kienx jista. Anke marret l-ufficcju tal-bank f'Ta Xbiex izda ma hallewhiex tidhol u qalulha li ghandhom struzzjonijiet biex ma jhallu lil hadd mill-kumpanija konvenuta jidhol. Meta raw hekk huma ghalqu l-kontijiet ma' dan il-bank.

A fol 137 et fl-affidvit taghha hija tat sekwenza ta' kif graw il-fatti u prezentat dokumenti biex tipprova dan.

In kontro-ezami (seduta 12.10.2017) hija spjegat l-ilmenti li kellhom mal-bank konvenut u li c-charges kienu ghola minn dawk miftehma. Li li l-bank fetah il-kontijiet xahar wara li ffirmaw il-formoli; li l-ID passes ghal internet inghataw lilhom xahar wara u gew attivitati tlett xhur wara li nfethu l-kontijiet. U tikkonferma li fondi sa miljun ewro ser jibqghu ghaddejjin f'dawn il-kontijiet. Spjegat li l-Group ghandu hdax-il

kumpanija izda ma kellhomx access ghall internet banking u ghalhekk ma setghux jiddepozitaw l-flus fil-kontijiet u ma setghux jopperaw dawn il-kontijiet.

A fol 18 et xehdet Karina Ayrapetyan impjegat mas-socjeta' atttrici li tiehu hsieb s-servizzi bankarji u legali tal-istess socjeta'. Hija xehdet li saru jafu b'dan il-bank permezz ta' terzi u huma ghamlu laqgha ma' Hamid Reza Ghanbari fl-ufficcju taghhom u wara ghamlu laqgha ohra fl-ufficcju tal-bank ta' Xbiex izda Ghanbari ma kienx prezenti ghax ma kienx jinsab Malta u l-laqgha saret ma' tlett nisa mill-istess bank. Il-laqgha kienet biex jaraw jekk il-bank konvenut kienx joffri l-istess servizzi li kien joffrilhom il-Bank of Valletta u jekk kienx joffri servizz aktar personalizzat. Wara gara li l-bank ma offrilhomx is-servizzi kollha li huma gew assigurati li kien joffri.

Problemi bdew dwar il-hrug ta' cheque books u ghalkemm il-bank weghdhom li ser jipprovdilhom soluzzjoni alternattiva ghal hrug ta' cheque book baqa' ma sar xejn u ma inghatawx dan is-servizz. Problema ohra kienet dwar corporate debit cards u l-istess ghalkemm kienu gew assigurati li jaghtu dan is-servizz il-bank ma pprovdilhomx dan is-servizz; problema ohra kienet dwar internet banking u l-istess gew imweghda dan is-servizz izda ghamlu tlett (3) xhur minghajr dan is-servizz u wara kellhom dan is-servizzi izda mhux kif kien gie mwieghed lilhom u setghu biss jimmoniterjaw it-tranzazzjonijiet li kienu qed isiru mill-kont u gol-kont.

Dwar il-bank charges huma mill-ewwel kienu ghamluha cara ma' Hamid Reza li t-tranzazzjonijiet ta' kuljum li kienu xi ghoxrin (20) jew tletin (30) transazzjoni u kienu jkunu lokali u li kellhom bzonn johorgu cekkijiet u Hamid Reza assigurhom li kwalunkwe trasazzjonijiet maghmula mill-Bank of Valletta ma kienux ser jinkorru charge u dan huwa dokumentat permezz ta' e-mail datata 23 ta' Gunju, 2014 meta l-kontijiet kienu diga miftuha.

L-istess xhud prezentat affidavit a fol 25 li permezz tieghu xehdet li dwar internet banking huma inghataw assikurazzjoni li minbarra jkunu jistghu jaraw l-accounts permezz ta' internet banking il-kumpanija tkun tista taghmel transaction online. Difatti l-kumpanija giet specifikatament mitluba liema servizz tixtieq cioe' jekk hux execution or read only u huma talba execution u pprezentat doc KA1 biex turi dan. Permezz ta' e-

mail dok CAW li prezentat fix-xhieda taghha tad-09 ta' Gunju huma gew infurmati xahrejn wara li fethu l-kont li viewing only biss setghu jipprovdulhom u li kellhom jinfurmawhom meta dan is-servizz setgha jibda jigi provdut.

Is-servizz tal-viewing permezz tal-internet banking ma kienx provdut lilhom meta huma fethu l-kontijiet mal-bank. Il-bank konenut baqa' jghidilhom li kienu qed jirrangaw is-servizz tal-internet permezz tat-teknici tal-IT u kien biss lejn l-ahhar ta' Lulju li l-kumpanija giet offruta biex tara kif is-sistema tal-internet kienet qed tahdem u dan permezz ta' dummy interface. F'dan l-istadju hafna mis-servizzi kienu ghadhom mhux disponibbli u kienu biss setghu jaraw biss l-pagna principali fuq li screen.

Huma ghamlu diversi talbiet biex ikollhom is-servizz u kien biss xhur wara li fethu l-kontijiet mal-bank li l-bank tahhom user ID flimkien mal-password biex ikunu jistghu jaraw il-kontijiet miftuha minnhom. Dan gara fit-22 ta' Awwissu, 2014. Izda xorta wahda dan ma kienx skont dak miftiehem ghax zewg user ID's biss inghatawlhom ghal kontijiet tal-Group of Companies taghhom meta huma gew imweghda user ID ghal kull kont li fethu.

Li minkejja dan huma xorta wahda gew mitluba jhallsu ghas-servizz tal-internet u ghal hlas annwali li jirraprezenta servizz ghal sena meta l-kumpanija attrici setghet biss tara l-kontijiet minn fuq l-internet ghal xahrejn biss.

Ix-xhud ziedet li qed tikkontesta is-somma ta' mitejn ewro (€200) 'ebanking fee' stante li skont il-General Tariffs tal-istess bank din hija ta' hamsin ewro (€50) ghal User ID kull xahar meta huma kellhom biss tnejn user ID's ghal kontijiet kollha tal-Group tal-kumpaniji taghhom.

Ilment iehor huwa dwar il-funding amount li skont il-ftehim li kellhom mal-bank u dan permezz ta' e-mails skambjati fid-09 ta' Gunju, 2015 dan kien li l-funding amount kien rigward il-group kollu tal-kumpanija u mhux ta' wahda u ohra mill-kumpaniji sussidjarji jew il-parent company.

Ilment iehor huwa li kienu mweghda li Camilla Lis hija l-persuna li kellhom jikkomunikaw maghha izda wara gew maghrfa li hija ghandha xoghol iehor u li setghu jikkomunikaw biss ma' Hamidresa Ghanbari li rari kien Malta u ghalhekk spiccaw minghajr hadd biex jiehu hsieb l-operazzjonijiet bankarji taghhom.

Ilment iehor huwa li l-bank ma kienx qed jezegwixxi sewwa l-istruzzjonijiet taghhom; kien hemm istruzzjonijiet li ma wettaqhomx u ohrajn li saru izda saru tardivament.

Rigward il-bank charges li huma qed jikkontestaw hija ssostni li l-Bank kien ta lil kumpaniji taghhom kemm tnaqqis f'dawn ic-charges u anke hafer certu charges. Hija taghmel referenza ghal e-mail Dok CA2 li turi li l-bank kien weghdhom li huma lesti li jahfru dawk il-fees jekk il-bank beneficjarju huwa l-Bank of Valletta.

Rigward swift transfers Ghanbari kien indikalhom li l-fee tvarja minn zero ewro (€0) sa sittin ewro (€60) li tinkludi l-fees tal-banek li jkunu qed jikkorrispondu maghhom izda huma gew mitluba jhallsu rata ta' hamsa u sebghin ewro (€75) ghal kull transazzjoni bl-eccezzjoni ghal Malta Tax Authority liema rata mitluba kienet ta' disghin ewro (€90) ferm aktar r-rata ta' 50% tal-fee massima li kien qallhom Ghanbari.

Rigward zbanki Ghanbari kien infurmhom li dawn isiru minghajr ebda fee u ghalhekk qed jikkontestaw is-somma ta' mija tmienja u erbghin ewro u hamsin centezmu (€148.50c) li gew mitluba jhallsu.

Rigward id-dormant account, il-general terms and conditions jghidu li fees ghal dormant account jibdew wara tlett xhur mindu jinfetah l-kont, izda dawn il-fees qed jintalbu wara li l-kont inghalaq fit-30 ta' Settembru, 2014 u mhux wara li l-kont kien ilu tlett xhur li nfetah.

Rigward li special advice/service fee ta' tmien mija u sebghin ewro (€870) il-kumpanija qatt ma talbet ghal dan is-servizz minghand il-bank u ghalhekk ma ghandhiex thallsu.

Rigward cash related account fee, il-Group tal-kumpaniji attrici kellhom kont wiehed biss ghal kull kumpanija ghajr ghal kumpanija wahda li kellha zewg kontijiet u l-General

Tariffs jghidu li cash account huwa minghajr ebda charge u l-mitt ewro (€100) charge hija biss ghal meta jinfetha r-raba' kont tal-Group.

Tali hlasijiet gew imnaqqsa mill-kontijiet taghhom fit-30 ta' Settembru, 2014 minghajr ma nghataw ebda pre-avviz. Hija tipprotesta ghal hlas tal-overdraft fee minhabba li l-kont kien overdrawn minhabba dan l-agir tal-bank u mhux minhabba transazzjonijiet bankarji mill-kumpanija.

Rigward hlas ghal posta il-kumpanija ma kellha ebda returned mail u fi kwalunkwe kaz dan il-hlas kellu jkun pro rata stante li ma kienx hemm rata ghal sena.

Rigward il-closure fee, dawn qed jikkontestawha stante li d-decizjoni li jaghlqu l-kontijiet kienet moghtija unilateralment mill-Bank minghajr ebda ragun u avviz adekwat.

In kontro-ezami Ayrapetyan xehdet li huma kienu gew imweghda diversi derogi cioe' tnaqqis mill-fees u mitluba tispjega mill-emails tat-23 ta' Gunju Dok CA1 u CA2 minn fejn jirrizulta dan, hija spjegat li kif hemm imnizzel fl-email cioe "on enquiry regarding the visit of your suppliers counter parts in cash in payment instructions please note that we can accommodate the letter on the one of basis at zero charge". Hija tammetti li dan jirrigwarda local suppliers u kienet on a one of basis. Internal charges kienu minn zero ewro (€0) sa sittin ewro (€60) u huma gew iccargjat bejn hamsa u sebghin ewro (€75) u disghin ewro (€90) hafna drabi meta l-massimu kien ta' sittin ewro (€60). Il-kondizzjonijiet sabiex ikunu jistghu jibbenefikaw minn dan it-tnaqqas kienu mnizzla fl-email, wahda meta l-bank ihallas direttament lil local suppliers, l-ohra meta l-bank jipprovdi l-cash meta jigi depozitat il-cash mal-istess bank u l-ohra meta hemm charge tal-Bank of Valletta bhala l-bank beneficjarji.

Dwar l-ilmenti taghha a fol 5, hija spjegat li difficli li tghid liema tnaqqas kien japplika.

A fol 112 xehed Hamid Reza Ghanbari Kap Ezekuttiv tal-Bank konvenut li xehed li fis-sena 2014 huwa kien Kap Ezekuttiv tal-istess Bank responsabbli ghal business development. F'Mejju, 2014 huwa kellu laqgha ma' Anastasia Budyko dwar is-servizzi

tal-bank. Huwa cahad li l-Bank qatt qallha li huma joffru servizz ta' cheque books u li huma qatt ma ircevew talba biex joffru s-servizz ta' debit cards. L-istruzzjonijiet kienu jigu moghtija lilhom permezz ta' authentication system. Meta muri fol 21 email datata 23 ta' Gunju, 2014 huwa kkonferma li din intbaghtet mill-Bank tinforma lill-attrici li ma joffrux cheque books u li online banking huwa ghal view only u pagamenti ma kienux permessi.

Xehed li t-terms, conditions, tariffi u charges huma fuq l-website tal-bank. Li huma kienu jafu dwar dan ic-charges. Mitlub jispjega ghaliex f'Gunju, 2014 kif turi l-email a fol 21 kienu qed jiddiskutu tnaqqis mill-general tariffs, huwa wiegeb li dawn kien fuq kondizzjoni li jiddepozitaw ammont sostanzjali ta' flus fil-bank. Gara li ma ddepozitaw xejn ghal tlett xhur u hallew il-kont dormant u ghalhekk it-tnaqqas fit-tariffa ma applikax ghalihom. Rega spjega li Ms Carina kienet qaltlu li kienu ser jiddepozitaw bejn tnejn u tlett miljun ewro izda dan ma sehhx. Huwa baqa' jinsisti li kollox sar skont il-general tariff tal-bank.

Ra a fol 160 et d-domandi bil-miktub lil Haidreza Ghanbari mis-socjeta' attrici u r-risposta ghalihom minn l-istess Ghanbari a fol 119 et u l-affidavit tal-istess Haidreza Ghanbari a fol 65 et li permezz tieghu huwa xehed li l-bank jigi li kull min jitlob is-servizzi tal-bank jehtieg jiffirma account opening form li fiha kull klijent jobbliga ruhu li joqghod ghal General Terms and Conditions tal-istess bank liema Terms and Conditions jinsabu fuq l-website tal-istess bank.

Kien fis-06 ta' April, 2014 li l-partijiet bdew jiskambjaw e-mails ghal dan il-ghan u saru laqghat ma' Budykho u Ayrapetyan u wara li sar id-due diligence l-kont infetah fl-14 ta' Mejju, 2014. Fl-istess affidavit huwa jispejga ghaliex l-ammont ma ghandux jigi rifuz lill-istess bank kif kien diga spjega fir-risposti guramenti tieghu ghad-domandi maghmula bil-miktub mill-bank.

In kontro-ezami (seduta 14.10.2017) Ghanbari meta mistoqsi jekk dawn iz-zewg user ID's provdewx access lil U Group of Companies, huwa wiegeb li kien hemm zewg user ID's f'isem Anastasia Budykho u iehor lil Carina Ayrapetyan. Ic-charges ta' hamsin ewro (€50) u ghalhekk ghax-xhur ta' Awwissu u Settembru huma gew ccargjati mitejn ewro

(€200). Meta rega mitlub jghid jekk dawn iz-zewg user id's setghux juzawhom l-group tal-kumpanija kollha wara hafna turbulanzi huwa wiegeb li kellhom access ghal kumpaniji kollha. Mistoqsi wara li ghalqu l-kontijiet tal-kupanija x'ghamlu bir-retained mail, huwa spjega li l-bank ghandu policy li meta l-klijent jaghzel is-sistema ta' retain mail huma jipprovdu li statements u jaghzlu huma jmorrux l-bank biex jigbruhom. Huwa wiegeb li huma provdew lil klijent dawn li statements. F'dan il-kaz huwa wiegeb li gew moghtija lilhom. Huwa kompla jispjega dak li kien diga spjega fir-risposti guramentati tieghu ghad-domandi tas-socjeta' attrici a fol 119 et tal-process.

Ra d-dokumenti kollha prezentati mil-partijiet.

Ikkunsidra

Li din hija talba ghal rifuzjoni tas-somma ta' tlett elef erba' mija u hamsa u ghoxrin ewro u sittax-il centezmu (€3,425.16c) rapprezentanti bank charges u fees li gew zbankati mill-Bank konvenut mill-kont appartenenti lis-socjeta' attrici.

Skont is-socjeta' attrici l-izbanki li saru mill-bank konvenut minghajr l-awtorizzazzjoni tas-socjeta' attrici jikkonsistu f'dan li gej:

Transfer fee seba' mija u hamsu u sittin ewro (€765).
Dormant Account Fee erba' mija u hamsin ewro (€450).
Re-Activitation Fee mitejn ewro (€200).
E Banking Fee mija tlieta u tmenin ewro u tlieta u tletin centezmu (€183.33c).
Overdraft Fee hamsin ewro (€50).
Retained Mail Fee tlett mija tlieta u tletin ewro u tlieta u tletin centezmu (€333.33c).
Cash Related Account Fee mitt ewro (€100).
Closure Fee mitejn u hamsin ewro (€250).
Fees and Commissions hamsa u sebghin ewro (€75).
Cash Withdrawal Commission mija tmienja u erbghin ewro u hamsin centezmu (€148.50c).
Special advice/Service fee tmien mija u sebghin ewro (€870).

Is-socjeta' attrici tikkontendi li l-ammont ma kienx dovut stante li dan l-izbank ma kienx awtorizzat mis-socjeta' attrici u li ma kien hemm ebda ftehim mal-bank konvenut dwar dawn ic-charges u fees, anzi l-ftehim mal-bank konvenut kien li jkollhom derogazzjonijiet mit-termini u l-kondizjonijiet generali applikati mill-Bank konvenut u /jew li s-servizzi moghti mill-Bank ma kienx skont dak miftiehem.

A fol 137 et Anastasia Budyko ghas-socjeta' attrici pprezentat dettaljatament s-sekwenza ta' kif graw l-affarijiet u ghaliex ma ghandhomx ihallsu din is-somma u spjegat li:

Meta imlew l-applikazzjonijiet tal-kontijiet mal-bank il-bank ma ghaddielhomx kopja tat-tariffi u charges; statements ta' kull xahar ma ntbaghtulhomx ghalkemm il-bank kien qabel li jsir dan meta fethu dawn il-kontijiet. Dan kien fl-10 ta' Mejju, 2014;

Fid-29 ta' Mejju, 2014 infethu l-kontijiet mal-Bank konvenut;

Fid-19 ta' Gunju, 2014 inghatalhom l-user ID izda ma kellhomx access biex jaraw il-kontijiet taghhom;

Fit-23 ta' Gunju, 2014 bdew diskussjonijiet biex ikollhom skont fuq it-tariffi tal-bank u sar ftehim dwar dan;

Fit-22 ta' Awwissu, 2014 inghataw il-password biex juzaw l-online banking. Is-socjeta' attrici ma inghatatx ebda mezz iehor biex tara l-bilanc u toppera l-kont taghha u taghmel id-depozitu ghajr hlief minn din id-data;

Fit-02 ta' Dicembru, 2014 is-socjeta' attrici setghet tiftah kont bankarja u dan wara li l-kumpanija kellha access biex tara l-kontijiet bankarji taghha;

Fl-24 ta' Settembru, 2014 sar ilment mal-bank minhabba li t-tariffi li l-bank kien qed jiccargjhom kien il-massimu u mhux kif miftiehem mal-istess bank;

Fit-30 ta' Settembru, 2014 il-bank konvenut unilateralment ghalaq il-kont tal-kumpanija u informa lis-socjeta' attrici li l-Bank kien japplika c-charges dovuti skont it-Terms and Conditions u t-tariffi generali u hekk gara;

Fit-30 ta' Settembru, 2014 sar ilment mal-Awtorita Maltija tas-Servizzi Finanzjarji.

Fl-01 ta' Ottubru, 2014 is-socjeta' attrici ma kellhiex access ghal internet banking u ghalhekk ma kellhiex access biex tara l-bilanc f'dan il-kont.

Fit-08 ta' Ottubru, 2014 is-socjeta' attrici talbet li statements tal-kont u rendikont ta' kull fee, charge u kummissjoni li zamm il-bank u li spjegazzjoniji ta' dan ma inghatawx.

Mill-banda l-ohra l-Bank konvenut jikkontendi li l-General Terms and Conditions u t-tariffi tal-Bank kienu accessibbli fuq l-website tal-bank jew kopja setghet tingieb mill-ufficcji tal-istess bank. Dawn jinsabu esebiti mal-affidavit ta' Hamidreza Ghanbari. Li s-socjeta' attrici ma ddepozitatx il-miljuni li weghdet izda ddepozita biss sebgha u ghoxrin miljun erba' mija u sebgha u hamsin elf ewro u tlettax-il centezmu (€27,457.13c) permezz ta' kont li infetah fit-28 ta' Mejju, 2014. Li l-Bank mhuwiex retail bank izda huwa private bank u li sa minn Gunju 2014 il-Bank kien fakkar lis-socjeta' attrici li huma private bank u ma joffrux chequebooks u lanqas online banking payments. Li s-socjeta' attrici ma ppruvatx li kien hemm deroga mit-tariffi u d-deroga li inghatat kienet biss rigward local payments fees jekk il-bank beneficjarju jkun l-Bank of Valletta u li dwar swift charges dawn ikunu bejn zero ewro (€0) u sittin ewro (€60) skont il-qies tar-relazzjoni tas-socjeta' attrici mal-Pilatus Bank.

Dwar il-User Id il-Bank jispjega li kull klijent jinghata User ID u f'dan il-kaz is-socjeta' inghatat il-User ID wara li imliet il-formola biex tiftah l-kont. Li meta l-bank informa li Ayrapetyan li "The IT team is still working on the possibility to have all the accounts under one unified user ID and password" dan ma jfissirx kif qed tikkontendi Ayrapetyan li c-charge tigi ridotta jew elemitata. Li l-IT team kien qed jassisti lis-socjeta' attrici billi jiffacilita' l-access ghal online banking billi jipprovda servizz ta' kwalita ghat-tnax (12) l-kont li s-socjeta' fethet that diversi kumpaniji li ghandu l-group.

Dwar cheque books u debit cards, il-bank kien informa mill-bidu li s-socjeta' attrici li huwa private bank u ma joffrix la chequebooks u lanqas online banking payments. Difatti s-socjeta' attrici qatt ma ghamlet talba ghal credit cards.

Dwar it-transfer fees, l-bank jikkontendi li dawn saru skont it-tariffa ghajr il-pagament li sar lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni tramite il-Bank Centrali liema pagament huma ccargjaw disghin ewro (€90) stante li 'the amount of the outgoing payment had to be transferred to beneficiary without any deducions which would normally attach to such a transfer (correspondent bank fees attaching to payments to government authorities)".

Ikkonsidra ulterjorment

It-Tribunal jibda biex jghid li fl-Account Opening Form il-bank attur kien iffirma li jaf x'jghidu dawn il-General Terms and Conditions tal-bank u ghalhekk meta sar dan inbdiet ir-rabta bejn il-partijiet.

Dwar kull item zbankata mill-bank jigi rilevat dan li gej:

Transfer fee seba' mija u hamsa u sittin ewro (€765).

Illi s-socjeta' attrici tikkontendi li:

Transfer fee seba' mija u hamsa u sittin ewro (€765) - dan mhux dovut stante li dawn it-transfer fees li saru mal-Bank of Valletta fl-ammont ta' hamsa u sebghin ewro (€75) charge ghal kull tranzazzjoni meta l-ftehim kien li trazazzonijiet mal-Bank of Valletta kienu minghajr tariffi.

**Mill-provi prodotti jirrizulta li l-Bank ma ghandux ragun u ghalhekk tali ammont ghandu jigi rifuz lis-socjeta' attrici.**

Dormant Account Fee erba' mija u hamsin ewro (€450) u Re-Activitation Fee mitejn ewro (€200).

Skont is-socjeta' attrici dawn mhux dovuti stante li skont it-termini u l-kondizzjonijiet generali tal-bank id-dormant fee tigi charged wara perjodu ta' tlett xhur mill-ftuh tal-kont. Id-dormant account fee giet charged fit-30 ta' Settembru, 2014 u fl-istess nifs giet charged ir-reactivation fee fl-ammont ta' mitejn ewro (€200) meta l-bank unilateralment ghalaq il-kont u fl-istess gurnata eziga u thallas ghar-reactivation fee meta skond l-istess Bank ir-riativazzjoni tal-kont saret fit-02 ta' Settembru, 2014.

Skont il-bank konvenut (fol 119 overleaf) il-kont gie dormant stante li minn meta infetah fit-28 ta' Mejju, 2014 u gie dormant fit-28 ta' Awwissu, 2014 u dan skont il-General Terms and Conditions. Il-flus gew depozitati fih fit-02 ta' Settembru, 2014 u ghalhekk gie riattivat dakinhar.

A fol 121 huwa jikkwota id-dikjarazzjoni fuq l-Account Opening Form tal-bank li ffirmat is-socjeta' attrici li tghid li huma qed jaccettaw u joqghodu ghal General Terms and Conditions tal-bank u li klawsola 6 tal-Parti V tal-General Terms and Conditions li tghid: "*The Bank if hereby authorised to collect any fees due by the Client in respect of a particular Account by charging any fees due to any related Client Accounts. Related Client Account shall either refer to Accounts pertaining to the same natural person or Accounts pertaining to entities that function through a common source of control"* u klawsola 7 tal-istess li tghid: "*The relevant dormant fees and charges shall apply as per the Bank's General Tariffs in either of the following scenarios: (a) An Account is inactive for more than six (6) consecutive calendar months; (b) an Account lacks initial funding for three (3) consecutive months from account opening or (c) an Account lacks funding for one (1) calendar month from the date of reactivation*." U klawsola 5 li tghid: "*The Client shall ensure that Account(s) are funded at all times. If the Client breaches this condition for three (3) consecutive calendar months or one (1) calendar month in the case of re-activated account, the bank may close the relevant Account by written notice to the Client where a termination period is stated in the written notice to Client, that termination period shall commence on the date of delivery of the termination notice".*

A fol 120 huwa spjega li meta is-socjeta' attrici ffirmat l-Account Opening Form hija qablet mal-General Terms and Conditions tal-bank.

**Fil-fehma ta' dan it-Tribunal tali ammont huwa dovut lil bank stante li ma kien hemm xejn xi jzomm lis-socjeta' attrici milli tiddepozita flus fil-kont.**

E Banking Fee mitejn ewro (€200) li skont Dok B esebit mis-socjeta' attrici tali ammont kien ta' mija tlieta u tmenin ewro u tlieta u tlettin centezmu (€183.33c) u mhux ta' mitejn ewro (€200).

Skont is-socjeta' attrici, dawn mhux dovuti stante li kwazi xahrejn wara li nfetah l-kont u sar ilment mal-bank li gie nformat li l-kontijiet setghu jarawhom biss online u mhux jaghmlu transazzjonijiet online u li kien biss fit-22 ta' Awwissu, 2014 li s-servizz parzjali li jaraw il-bilanci tal-kontijiet gie moghti mill-bank konvenut u dan kien fil-forma ta' zewg User Id's flimkien ma' password li bihhom setghu jara l-kontijiet bankarji kollha tal-grupp ossia hdax-il kont bankarju u mhux zewg User Id's ghal kull kont bankarju ta' kull kumpanija individwali kien gew imweghda.

Ghanbari ghan-nom tal-bank konvenut jispjega a fol 119 li veru li fit-22 ta' Awwissu, 2014 zewg User IDs u passwords gew provduti lill-attrici. Huwa spjega li c-charge kienet ta' hamsin ewro (€50) ghal internet banking user, kien hemm zewg users Annastasia ghal Anastasia Budykho u Karina ghal Karina Ayrapetyan fix-xahar u l-perjodu kien minn Awwissu sa Settembru 2014 u dan sar skont it-tariffi generali.

Mistoqsi ghaliex dawn ma gewx provduti kull xahar kif miftiehem meta l-attrici fethu l-kontijiet, huwa spjega li l-flus fil-kontijiet dahlu fit-02 Settembru, 2014 u ghalhekk il-fees (salv il-wire transfer fee) ma setghux jigu mnaqqsa qabel u ghalhekk tnaqqsu fit-30 ta' Settembru, 2014. Dan kollu jirrizulta mil-account Opening form li ffirmat is-socjeta' attrici u l-General Terms and Conditions.

**Dan it-Tribunal tenut kont li mill-provi jirrizulta li s-socjeta' attrici ma kienetx moqdija b'dan is-servizzi, jiddeciedi li tali ammont ghandu jigi rifuz lis-socjeta' attrici.**

Dwar il-wire transfee fee l-bank (fol 120 overleaf) jispjega li il-wire transfer lil Bank Centrali ta' Malta sar fit-30 ta' Settembru, 2014 meta kien lest id-due diligence u

charged lis-socjeta' attrici dakinhar u tali wire transfer sar lil Bank Centrali ta' Malta tramite Societa Generale li ccargjat lil bank hamsa u ghoxrin (€25) ghal kull transfer u din it-tariffa hija parti mit-tariffa tal-wire transfer fee li l-bank iccargja lis-socjeta' attrici ghal dan it-transfer skond il-General Terms and Conditions.

**Dwar il-wire transfer fee dan ma jirrizultax minn Dok B prezentat mis-socjeta' attrici u jekk huwa imnizzel taht isem iehor, tenut kont li l-bank ma gab ebda prova li hallas ic-charges skont kif ccargjat mis-Societe Generale, tali ammont ghandu jigi rifuz lis-socjeta' attrici.**

Overdraft Fee hamsin ewro (€50).

Skont is-socjeta' attrici, dan mhux dovut stante li il-kont bankarju taghha qatt ma kien fin-negattiv u anke kieku stess il-bank qatt ma nforma lis-socjeta' attrici li huwa kien ser jithallas mill-kont bankarju u ghalhekk tali hlas mhux dovut.

Tali fee skont il-bank konvenut hija skont il-General Terms and Conditions.

**Dan it-Tribunal in vista li s-socjeta' attrici iffirmat li qed joqghod ghal dawn il-kondizzjonijiet u kienet responsabilita' tieghu li jara li ghandu fondi bizzejjed fil-kont, jiddeciedi li tali overdraft fee ma ghandhiex tigi rifuza lil bank konvenut.**

Retained Mail Fee hames mija (€500) izda li skont Dok B prezentat mis-socjeta' attrici, dan jammont ghal tlett mija tlieta u tletin ewro u tlieta u tletin centezmu (€333.33c).

Is-socjeta' attrici tikkontenti li dan mhux dovut stante li hija ma kellhiex retained mail u tichad li l-bank konvenut kien qed izomm li statement tal-kumpanija attrici in kwantu ladarba l-kont ma kienx operattiv hlief ghal anqas minn perjodu ta' tletin gurnata ma setax kien hemm statements depozitati. Il-bank qatt ma avza lis-socjeta' attrici li kien hemm retained mail u l-bank baqa' ma pprovda ebda dokumentazzjoni li turi f'hiex kienet tikkonsisti din ir-retained mail. Fi kwalunkwe kaz r-rata ta' hames mija (€500) hija ghal perjodu ta' sena u ghalhekk ladarba dan is-servizz ma nghatax ghal perjodu ta' sena r-rata hija ingustifikata u f'kull kaz ghandha tigi kalkolata pro rata.

Jigi rilevat li minn dok B esebit mis-socjeta' attrici huwa fl-ammont ta' tlett mija tlieta u tletin ewro u tlieta u tletin centezmu (€333.33c) u mhux ta' hames mitt ewro (€500).

A fol 120 Ghanbari ghal bank konvenut spjega li meta s-socjeta' attrici ghazlet il-'Hold Mail' option meta ffirmat l-Account Opening Form il-bank kellu jibni l-infrastruttura necessarja biex izomm u jmantni l-korrispondenza appartenenti lis-socjeta' attrici u din ir-retained mail fee hija applikata fuq bazi annwali u hija ta' hames mitt ewro (€500) skont il-General Tariffs tal-bank. Mistoqsi jghid ghaliex ccargja ta' sena meta l-kont inghalaq wara erba' xhur huwa spjega li dan sar skont il-General Tariffs tal-bank. Spjega wkoll li l-bank statements gew printjati u lesti biex is-socjeta' tigborhom.

**Dan it-Tribunal iqis li veru l-General Terms and Conditions jghidu li c-charge hija ta' hames mitt ewro (€500) fis-sena anke jekk l-kont jinghalaq qabel, izda tenut kont tac-cirkustanzi u kif is-socjeta' attrici qatt ma kienet avzati li hemm dawn li statements lesti biex jingabru dan it-Tribunal jiddeciedi li dan l-ammont tlett mija tlieta u tletin ewro u tlieta u tletin centezmu (€333.33c) jew hames mitt ewro (€500) ghandu jigi rifuz lis-socjeta' attrici.**

Cash Related Account Fee mitt ewro (€100).

Is-socjeta' attrici tikkontendi li skont it-tariffi generali tal-bank konvenut l-cash huwa bla hlas u l-fee ta' mitt ewro (€100) tithallas biss meta jkun hemm aktar minn tlett kontijiet bankarji relatati mal-istess kumpanija u f'dan l-kaz l-group kellu kont bankarju wiehed ghal kull kumpanija hlief ghal kumpanija wahda li kellha tnejn. Inoltre tirrizulta d-deroga miktuba fl-email tat-23 ta' Gunju, 2014.

**Mill-provi jirrizulta li s-socjeta' attrici ghandha ragun u ghalhekk tali ammont ghandu jigi rifuz lis-socjeta' attrici.**

Closure Fee mitejn u hamsin ewro (€250).

Is-socjeta' attrici tikkontendi li l-kontijiet bankarji tal-grupp inghalqu b'mod unilaterali mill-bank konvenut minghajr ebda gustifikazzjoni u ebda avviz adegwat u ghalhekk mhux dovut aktar u aktar li b'dan l-agir is-socjeta' attrici ma setghetx topera l-kontijiet bankarji taghha, s-servizz ta' viewing tal-internet banking ma kienx baqa' operattiv u difatti meta l-bank accetta l-istruzzjonijiet li jsir trasferiment tal-fondi mizmuma minnu ghal bank iehor is-socjeta' esponenti ma kinitx taf l-figura tal-bilanc tal-kont.

A fol 120 (overleaf) Ghanbari ghal bank konvenut spjega li l-bank ghalaq il-kontijiet tal-group tal-kumpanija attrici fit-30 ta' Settembru, 2014 u l-bank infurmhom b'dan permezz ta' ittra dakinhar stess u l-bank kien ta pre-avviz lis-socjeta' attrici u dan jirrizulta minn dok 5 prezentat mis-socjeta' attrici fil-21 ta' April, 2016 li infurmat lil bank li ".. *cannot undertake any activity involvingt his bank account, with the exception of providing the Bank with instructions for the outward remittance of the entire amout of the funds within the next five (5) business days*". Il-closure fee hija dovuta irrispettivament minn min jaghlaq il-kont jekk hux l-bank jew il-klijent.

**Dan l-ammont huwa dovut lil Bank u ma ghandux jigi rifuz lis-socjeta' attrici skont il-General Terms and Conditions tal-istess Bank iffirmati mis-socjeta' attrici.**

Fees and Commissions hamsa u sebghin ewro (€75).

**Illi dwar dan is-socjeta' attrici ma kellha ebda kumment x'taghmel u mill-provi jirrizulta li tali ammont ma ghandux jigi rifuz lis-socjeta' attrici.**

Cash Withdrawal Commission mija tmienja u erbghin ewro u hamsin ewro centezmu (€148.50c).

Skont is-socjeta' attrici dan is-servizz kellu jinghata 'at zero cost' kif turi l-email datata 23 ta' Gunju, 2014 li tghid "during your peak business seasons your relationship manager can drop the requested cash at your offices or on-site at zero costs as per your nstructions and you can arrange the distribution to your counterparts on cash/receipt basis."

**Ma saret ebda prova mill-bank konvenut li dan ma garax 'during peak business seasons' tas-socjeta' attrici u ghalhekk tali ammont ghandu jigi rifuz lis-socjeta' attrici.**

Special advice/Service fee tmien mija u sebghin ewro (€870).

Is-socjeta' attrici tikkontendi li hija qatt ma talbet special advice jew inghatat special advice jew xi servizii simili mill-Bank konvenut u lanqas giet infurmata li l-bank joffri dan is-servizzi. Veru li l-bank qed jikkontendi li dan jirrigwarda servizz ta' due diligence provdut mill-bank izda mit-tariffi dan kellu jigi charged bir-rata ta' mitejn u disghin (€290) fis-siegha u tlett mija u disghin ewro (€390) fis-siegha wara l-hinijiet tax-xoghol u ebda prova ta' dan ix-xoghol ma ingabet mill-bank.

Skont il-bank konvenut (fol 119 overleaf) dan huwa dovut ghar-rigward d-due diligence, monitoragg t- trazazzjonijiet li jidhlu u li johorgu, due diligence fuq zbanki ta' flus cash u monitoragg il hin kollu tal-clien profile, u dan kollu skond il-General Terms and Conditions.

Mistoqsi s-socjeta' attrici kienetx infurmata b'dan is-servizzi huwa wiegeb li ma kellux ghalfejn jaghmel dan ghax johrog mil-ligijiet bankarji u ta' hasil ta' flus.

**Illi hija regola generali ta' kwalunkwe bank li jsir id-due diligence u monitoragg fuq it-tranzazzjonijiet li jsiru tramite l-bank u tenut kont li dan is-socjeta' qablet mieghu meta fethet il-kontijiet mal-bank tali ammont huwa dovut. Ovvjament kien fl-interess tas-socjeta' attrici li tindaga u ssaqsi dwar dawn ir-rati qabel ma ffirmat li ser toqghod ghal General Terms and Conditions tal-bank, haga li ma ghamlitx u ghalhekk il-bank ma ghandu jirrifondi xejn minn din is-somma lis-socjeta' attrici.**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' in parti t-talba tas-socjeta' attrici u jordna lil Bank konvenut jirrifondi lis-socjeta' attrici dawn l-ammonti kif gej:

Is-somma ta' mitejn ewro (€200) e banking fee jew ta' mija tlieta u tmenin ewro u tlieta u tletin centezmu (€183.33c) skont Dok B prezentat mis-socjeta' attrici, il-wire transfer fee liema ammont ma jissemmiex f'Dok B izda jekk thallas ghandu jigi rifuz mill-bank lis-socjeta' attrici; ir-Retained Mail Fee hames mitt ewro (€500) izda li skont Dok B prezentat mis-socjeta' attrici, dan jammont ghal tlett mija tlieta u tletin ewro u tlieta u tletin centezmu (€333.33c) bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Av Anna Mallia**
**Gudikant**